## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-17 ta’ Diċembru 2009

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta’ Flessibilità, b’konformità mal-punt 27 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod

(2009/1007/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ([1]), u b’mod partikulari l-ħames paragrafu tal-punt 27 tagħha,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi, wara li fil-laqgħa ta’ konċiljazzjoni tat-18 ta’ Novembru 2009 eżaminaw il-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet taħt is-subintestatura 1a, iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja qablu li jimmobilizzaw l-Istrument ta’ Flessibilità biex fil-baġit tal-2010 jikkomplementaw il-finanzjament, lil hinn mill-ogħla limitu tas-subintestatura 1a, ta’:

— EUR 120 miljun għall-finanzjament ta’ proġetti fil-qasam tal-enerġija fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku;

— EUR 75 miljun għall-għeluq tal-impjant tal-enerġija nukleari ta’ Kozloduy.

JIDDEĊIEDU:

*Artikolu 1*

Għall-budget ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, l-Istrument ta’ Flessibilità għandu jintuża biex tiġi pprovduta s-somma ta’ EUR 195 miljun f’approprijazzjonijiet għall-impenji taħt is-subintestatura 1a.

Dawn l-ammonti għandhom jintużaw sabiex jikkumplementaw il-finanzjament ta’:

— EUR 120 miljun lejn il-finanzjament ta’ proġetti fil-qasam tal-enerġija fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku;

— EUR 75 miljun għall-għeluq tal-impjant tar-reattur nukleari ta’ Kozloduy.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Strasburgu, is-17 ta’ Diċembru 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | H. LINDBLAD |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.